

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2447

tat-30 ta' Settembru 2022

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika n-numru u t-titolu tal-varjabbli fuq tmien snin fid-dominju tal-forza tax-xogħol dwar iż-“zghażaġh fis-suq tax-xogħol”, il-“kisba edukattiva — dettalji, inkluża l-edukazzjoni interrotta jew abbandunata” u r-“rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja”**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jstabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tkopri l-ħtiġijiet identifikati fis-suġġetti dettaljati rilevanti fid-dominju tal-forza tax-xogħol, il-Kummissjoni jenħtieġ li tispeċifika n-numru u t-titolu tal-varjabbli fuq tmien snin li għandhom jinġabru għall-ewwel darba fis-snin 2024 u 2025.
- (2) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tispeċifika n-numru u t-titolu tal-varjabbli fuq tmien snin fuq is-suġġetti dettaljati fid-dominju tal-forza tax-xogħol dwar iż-“zghażaġh fis-suq tax-xogħol”, il-“kisba edukattiva — dettalji, inkluża l-edukazzjoni interrotta jew abbandunata” u r-“rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja”,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

In-numru u t-titolu tal-varjabbli fuq tmien snin fuq is-suġġetti dettaljati fid-dominju tal-forza tax-xogħol iż-“zghażaġh fis-suq tax-xogħol”, il-“kisba edukattiva — dettalji, inkluża l-edukazzjoni interrotta jew abbandunata” u r-“rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja” għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Settembru 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

**Numru u titolu tal-varjabbli fuq tmien snin fid-dominju tal-forza tax-xogħol li għandhom jinġabru dwar iż-“żgħażaġh fis-suq tax-xogħol”, il-“kisba edukattiva – dettalji, inkluża l-edukazzjoni interrotta jew abbandunata” (l-ewwel implimentazzjoni fl-2024) u ir-“rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja” (l-ewwel implimentazzjoni fl-2025)**

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem tal-varjabbli
03e. Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol - <i>tliet varjabbli miġbura (tliet varjabbli fuq tmien snin)</i>	Żgħażaġħ fis-suq tax-xogħol	LEVMATCH	Konkordanza bejn il-livell edukattiv milħuq u l-impjeg ewlieni attwali jew dak l-aktar riċenti
		FIELDMATCH	Konkordanza bejn il-qasam tal-ogħla livell ta' edukazzjoni ikkompletat b'suċċess u l-impjeg ewlieni attwali jew dak l-aktar riċenti
		SKILLMATCH	Konkordanza bejn il-ħiliet u l-impjeg ewlieni attwali jew dak l-aktar riċenti
04b. Livell edukattiv milħuq u sfond edukattiv - <i>erba' varjabbli miġbura (erba' varjabbli fuq tmien snin)</i>	Livell edukattiv milħuq — dettalji, inkluża l-edukazzjoni interrotta jew abbandunata	DROPELUC	Edukazzjoni jew taħriġ formali abbandunati
		DROPELUCLEVEL	Livell tal-edukazzjoni formali jew taħriġ abbandunati
		DROPELUCREAS	Raġuni ewlenija għaliex ma għiex ikkompletat il-programm ta' edukazzjoni formali msemmi f'DROPELUCLEVEL
		MEDLEVQUAL	Kwalifiki tal-livell edukattiv medju milħuq
03f. Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol - <i>11-il varjabbli miġbura (11-il varjabbli fuq tmien snin)</i>	Rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja	CHCARRES	Jeżistu responsabbiltajiet tal-kura regolari għat-tfal sa 14-il sena
		CHCARAGE	Età tal-iżgħar wild jew neputi(ja) fil-kura
		CHCARUSE	Użu tas-servizzi tal-indukrar tat-tfal
		CHCAROBS	Raġuni ewlenija għaliex ma ntużawx is-servizzi tal-indukrar tat-tfal
		ELCARRES	Jeżistu responsabbiltajiet tal-kura regolari għall-qraba li għandhom 15-il sena u aktar li huma morda, fraġli jew b'diżabilità
		ELCARINT	Intensità tal-kura għall-qraba li huma morda, fraġli jew b'diżabilità
		CAREFFEM	Effett tar-responsabbiltajiet tal-kura fuq l-impjeg
		WORKOBS	Ostaklu ewlieni fuq ix-xogħol għar-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja
		CHNUMBER	Numru ta' wlied proprji mrobbija
		PARLEAV	Użu tal-liv tal-familja
		PARLENG	Tul tal-liv tal-familja użat